**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 2013 — Gobierno de Aragón et vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-150/11)** [1]

***("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni dwar għajnuna intiża li tiffaċilita l-għeluq ta'minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi — Annullament parzjali — Indiviżibbiltà — Inammissibbiltà")***

(2014/C 45/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Gobierno de Aragón (Spanja); Principado de Asturias (Spanja); u Junta de Castilla y León (Spanja) (rappreżentanti: C. Fernández Vicién, I. Moreno-Tapia Rivas, E. Echeverría Álvarez u M. López Garrido, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lo Monaco u F. Florindo Gijón, aġenti)

*Intervenjenti in sostenn tal-Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, L. Flynn u C. Urraca Caviedes, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE, tal-10 ta' Diċembru 2010, dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi (ĠU L 336, p. 24).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Il-Gobierno de Aragón (Spanja), il-Principado de Asturias (Spanja) u l-Junta de Castilla y León (Spanja) għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

[1] ĠU C 130, 30.04.2011.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Diċembru 2013 — da Silva Tenreiro vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-634/11 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Avviż ta' pożizzjoni vakanti — Ħatra fil-pożizzjoni ta' direttur tad-Direzzjoni E 'Ġustizzja' tad-Direttorat Ġenerali 'Ġustizzja, libertà u sigurtà' tal-Kummissjoni — Ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent — Ħatra ta' kandidat ieħor — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2014/C 45/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Mario Paulo da Silva Tenreiro (Kraainem, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u L. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tad-29 ta' Settembru 2011, da Silva Tenreiro vs Il-Kummissjoni (F-72/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Mario Paulo da Silva Tenreiro għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

[1] ĠU C 32, 04.02.2012.